MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Numru 194/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**KEITH DEBONO**

**Illum 20 ta' April, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Keith Debono ta' 17 il-sena, iben Carmelo u Veronica nee` Grech, imwieled il-Pieta fl-1 ta' Gunju 1986 u li joqghod fil-fond Flat 2, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk 'C4', Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 247786M gie akkuzat:

**Talli:** f’xi hin, bejn it-13 u l-14 ta’ April 2003, fil-Fgura, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ mutur tal-marka TVS Lambretta Scooter bin-numru tar-registrazzjoni **EBC 702**, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Justin Cassar minn Haz Zabbar;

**U talli:** fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta’ izjed minn ghaxar Liri Maltin (LM10) izda anqas minn hamsin Lira Maltin (Lm50), u cioe` fl-imsemmija vettura tal-marka TVS Lambretta Scooter bin-numru tar-registrazzjoni **EBC 702**, ghad-detriment ta’ Justin Cassar minn Haz Zabbar;

**U talli:** fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**U talli:** fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew haga mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf, bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SM3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi nkwantu ghat-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni, din l-akkuza nghatat bhala akkuza

alternattiva ghall-ewwel akkuza u ghalhekk talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Innutat ukoll li l-imputat tramite l-interpretu ammetta l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u r-raba’ akkuza.

Il-Qorti tramite l-interpretu wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi tramite l-interpretu jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat tramite l-interpretu rega’ wiegeb li hu hati ta’ l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u r-raba’ akkuza.

Innutat li x-xhud Justin Cassar fis-Seduta ta’ llum xehed illi hu sid vettura tal-marka TVS Lambretta Scooter bin-numru ta’ registrazzjoni EBC-702. Qal ukoll illi dina l-“Lambretta” sofriet hsarat u qal illi hu bhala hlas ta’ danni minghand l-imputat jaccetta s-somma ta’ tletin lira (Lm30).

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-imputat tramite l-interpretu ddikjara li qed jobbliga ruhu li jhallas lill-parte civile Justin Cassar is-somma ta’ Lm30 fi zmien 30 jum millum.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 37, 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(3), 279, 280(2), 281(a), 325(c) u 334A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Keith Debono, fuq ammissjoni, hati ta’ l-ewwel akkuza, tat-tieni akkuza u tar-raba’ akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta` tenera tal-imputat, il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-imputat tramite l-interpretu

ddikjara li qed jobbliga ruhu li jhallas lill-parte civile Justin Cassar is-somma ta’ Lm30 fi zmien 30 jum millum, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inkwantu ghat-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni, peress illi din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Keith Debono l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------